**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 03**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 8 ta' Awwissu 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Daniel Ablett
Nicholai Falzon
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit (online)

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**03.1** **TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**03.2** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

Il-membri kollha kienu preżenti u ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**03.3** **Approvazzjoni tal-Minuti Nru 02**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 02, kopja tal-Minuti tal-laqgħa mac-CEO ta' Infrastructure Malta Steve Ellul u kopja tal-Minuti tal-laqgħa mal-Executive Chairman tal-Enemalta Ing Ryan Fava, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** talbet korrezzjoni tal-Minuti 02.6.8 fejn għandha tiżdied id-data tal-Ħadd 8 ta' Diċembru 2024.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** talbet korrezzjoni tal-Minuti mac-Chairman tal-Enemalta fejn fil-Punti oħra għandu jiżdied illi Chairman wiegħed li il-Proġett Nazzjonali ta' tibdil tal-bozoz min dawk sofor (SON) għal dawk LED jibda minn Hal Qormi.

**Il-Kunsillier Nicholai Falzon** talab li fil-Minuti 02.6.16 jiżdied il-kliem li mis-sena id-dieħla (2025) il-grupp Impact jitniżżel mal-għaqdiet l-oħra biex jingħata għajnuna finanzjarja mill-kunsill.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-Minuti Nru 02 kif emendati.

**03.4** **Interventi Oħra**

**03.4.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab sabiex jidħol il-Perit Ruben Aquilina mill-Enemalta sabiex jgħaddi l-informazzjoni fuq il-proġett maġġuri li għaddej bħalissa fi Triq Mdina minn Enemalta u Infrastructure Malta.

**Il-Perit Ruben Aquilina** f'isem l-Enemalta fl-intervent tiegħu semma li:

- Mill-bridge ta' Triq l-Iljun sar-roundabout tal-Monument tal-Gwerra il-walk in culvert tal-Enemalta lest.
- L-istess huma lesti il-pajpijiet li saru mir-roundabout tal-Monument tal-Gwerra sa Triq Guze Duca.
- Minn fejn The Edge sa fejn il-Petshop fi Triq Guze Duca tlesta il-walk in culvert ukoll.
- Dan il-culvert se jwassal ma dak eżistenti viċin il-ħanut ta' Ganza.
- Dawn il-culverts se jwasslu mill-Marsa sar-roundabout ta' fejn l-iskola ta' Dorotej f'Haz Żebbuġ
- Ix-xogħol infrastrutturali fi Triq Mdina għandu jitlesta sa nofs Awwissu.
- Fi żmien is-shutdown ta' Awwissu se jsir xogħol li jaqsam bejn Triq Guze Duca sa Triq tal-Ħandaq fiż-żona industrijali.
- Wara il-ħaddiema tal-Enemalta se jibdew jgħaddu il-cables ġol-culvert, liema xogħol mhux se joħloq inkonvenjenzi żejda għar-residenti.
- Dan ix-xogħol ġie rikjest mill-Enemalta lill Infrastructure Malta, iżda entitajiet oħra qed jitolbu xogħlijiet oħra bħal Water Services Corporation qed jgħaddu mains ġodda.
- Dan ix-xogħol qed isir sabiex tissaħħaħ l-infrastruttura tad-dawl f'Malta.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** semma li waqt il-laqgħat ma Infrastructure Malta u ma Transport Malta il-Kunsill ġie imwiegħed li dan il-proġett jitlesta u toroq jingħataw it-tarmak sakemm it-tfal jidħlu għall-iskola f'Settembru.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento u il-Kunsilliera** irringrazzjaw lil Perit Aquilina li sab il-ħin sabiex jiġi jispjega ix-xogħlijiet li qedin isiru bħalissa.

03.4.2 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li qabel bdiet is-Seduta Numru 3 saret laqgħa mas-Supretendent il-ġdid ta' Hal Qormi Antoine Cilia.

03.4.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab sabiex tidħol online il-Perit Janice Borg minn Infrastructure Malta sabiex tgħaddi l-informazzjoni fuq il-proġett maġġuri li għaddej bħalissa fi Triq Mdina minn Infrastructure Malta għall-Enemalta.

**Il-Perit Janice Borg** f'isem Infrastructure Malta fl-intervent tagħha semmiet li:

- Ix-xogħlijiet fi Triq Hal Luqa skattaw wara li ngħataw il-permessi meħtieġa.
- Ix-xogħlijiet fi Triq tal-Marsa ma jistgħux isiru bil-lejl minħabba li il-kuntrattur ma għandux ħaddiema biżżejjed biex jaħdmu 24 siegħa kuljum.
- Il-Perit Borg infurmat li WSC talbu sabiex jagħmlu xogħlijiet ġodda fi Triq Hal Luqa man naħa tal-pompa tal-petrol. Liema naħa ma kienetx parti mill-proġett oriġinali. Il-kunsilliera infurmaw lill-Perit Borg li il-kunsill se jagħmel oġġezzjoni u jissuġġerixxu li dawn ix-xogħlijiet għandhom isiru is-sena id-dieħla sabiex il-pjan li ix-xogħlijiet jitlestew sa' nofs Settembru jintlaħaq.
- Il-wiesgħa tal-bankini fi Triq Hal Luqa mhux se taffettwa l-aċċess tal-garaxxi f'din l-akwata. Infatti il-Perit inkarigat mill-progett tkellem mas-sidien tal-garaxxi u din il-problema issa giet solvuta.
- Il-Kunsill issugerixxa li vicin il-Monument tal-Gwerra ix-xogħlijiet ta' skavar isiru bejn is-7 ta' filgħaxija u nofs il-lejl.
- Il-bankini li qed isir xogħol fuqhom għandhom ikunu safe għar-residenti.
- Xogħlijiet qed isiru skond it-time frame propost.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento u il-Kunsilliera** irringrazzjaw lil Perit Janice Borg li sabet il-ħin sabiex tispjega ix-xogħlijiet li qedin isiru bħalissa.

**03.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2024.

**03.5.1** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ġibdet l-attenzjoni dwar xiri ta' materjal ta' manutenzjoni. Hija staqsiet jekk il-Kunsill jixtriex mingħand ħwienet differenti.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** semma li il-Kunsill ta' qabel kien ftiehem li jaqsam l-ispejjeż bejn xiri minn ħwienet differenti.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li normalment il-materjal jinxtara mill-ħwienet l-aktar viċin ta' fejn ikunu qed isiru xogħlijiet.

**03.5.2** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li ir-Regjun Nofsinhar bagħat it-tonnage worksheet u għalhekk il-pagament miżmum ta' April 2024 għandu jgħaddi għall-ħlas.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** nformat lil Kunsillier Sghendo li it-tonnage worksheet għax-xhur Jannar sa April 2024 għadhom ma waslux u dak li wasal kien ta' Mejju 2024. Liema pagament imniżżel mal-iskeda ta' Lulju 2024 li qed tiġi ippreżentata f'din is-Seduta.

03.5.3 **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa fuq il-pagament tal-Perit William Lewis ta' Pjazza Narbona. Il-Kunsillier Puli staqsa jekk dan il-pagament kienx ta' Pjazza Narbona li ma kienx ġie approvat.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** spjegat li dan il-pagament huwa tad-design tal-bankina ġdida li għad trid issir fi Triq San Bartolomew u Triq il-Vitorja. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nfurmat li se tiġbed l-attenzjoni tal-Perit sabiex jispjega dan il-pagament minħabba li il-Kunsill diġà ħallas zewg pagamenti oħra għad-design tal-istess proġett, fosthom pagament ftit tax-xhur ilhu.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** nformat li ser iżomm dan il-pagament milli jitħallas sakemm ikollna risposta mill-Perit William Lewis.

03.5.4 **Il-Kunsillier Daniel Ablett** staqsa fuq il-pagament tal-Perit William Lewis rigward l-alignment tal-bankina fi Triq Mifsud Ellul. Ir-risposta tal-Perit fuq din il-bankina għada ma waslitx iżda wasal il-kont u qiegħed fil-lista tal-pagamenti.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** infurmat lil Kunsillier Ablett li se tiċċekkja mal-Perit Lewis fuq din il-bankina ta' Triq Mifsud Ellul sabiex tara fiex wasal ix-xogħol min naħa tal-uffiċċju tal-Perit.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** nformat li ser iżomm dan il-pagament milli jitħallas sakemm ikollna risposta mill-Perit William Lewis.

03.5.5 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet dwar nefqiet mal-Kumpanija GO Business.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** nformat li il-kont tal-internet tal-Parking Sensors se jinqata għaliex il-parking sensors mhumiex qed jintużaw.

03.5.6 **Il-Kunsillier Daniel Ablett** ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet għajr għaż-żewg pagamenti tal-Perit William Lewis sakemm jiġu vverifikati.

03.5.7 **Il-Kunsillier Nicholai Falzon** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet għajr għaż-żewg pagamenti tal-Perit William Lewis sakemm jiġu vverifikati.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2024 għajr għaż-żewg pagamenti tal-Perit William Lewis sakemm jiġu vverifikati.

## 03.6 Komunikazzjoni tas-Sindku

### 03.6.1 Timed 15 minute Parkings quddiem Take Aways - deċiżjoni posposta minn Seduta Nru 02

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva talba sabiex isiru 15 minutes timed parking bays quddiem Ta' Cinell Snack Bar fi Triq Correa u quddiem Snack Island Sandwich Bar fi Triq il-Wied.

Fis-Seduta Nru 02 saret diskussjoni bejn il-membri, fejn issemmew li f'ċertu postijiet ikun jista' isir tali parkeġġ bil-ħin minħabba li it-triq tkun tippermetti u f'postijiet oħra ma jkunx jista'.

Il-kunsill iddeċieda li il-Kunsill jitlob lil Transport Malta il-Policy fuq tali 15 Minute Parkings u id-deċiżjoni għal tali talbiet għandha tittieħed minn Transport Malta u mhux mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali ikun jista' biss joġġezzjona.

Il-Kunsill talab sabiex isir laqgħa ma Transport Malta fuq il-Parking għar-residenti.

### 03.6.2 Proġett Triq San Bartolomew u Triq il-Vitorja

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ġie infurmat mill-Water Services Corporation li il-mains tal-ilma huma kollha tal-ħadid u hemm bżonn li jinbidlu.

Il-Water Services Corporation bagħtet stima tax-xogħlijiet li iridu isiru u kemm il-darba isiru, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi irid iħallas l-ispiża tax-xogħlijiet lil kuntrattur ċirca €38,447 vat inkluża spejjez tal-Kunsill li jithallsu direttament lill-kuntrattu u spiza ta' €16,540 li titħallas mill-WSC lil kuntrattur.

Il-Kunsill iddeċieda li minħabba il-pożizzjoni finanzjarja preżenti, il-Kunsill ma jistax jidħol għal tali spiża.

Għaldaqstant, il-kunsilliera talbu sabiex id-Deputat Segretarju Eżekuttiv titlob lill Water Services Corporation spjega fuq liema bażi qed jintalab il-ħlas u għaliex l-istess Korporazzjoni qed titfa l-obbligu lil Kunsill li joħroġ tali ħlas.

**03.6.3 Servizz ta' Avukat**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li t-tender għas-servizz tal-avukat għalaq fi 22 ta' Lulju 2024. Il-Kunsill rċieva erba offerti:

- Ellul Advocates - €6000
- DR AM - €6990
- Dr Frank Psaila - €4135.65
- Dr Thea Lynn Cesare €4500

Illum reġa' ltaqa l-evaluation board u ikkonkluda li wara li ġew iċċekkjati id-dokumenti nieqsa li kellhom jiġu mibgħuta min Dr Thea Lynn Cesare (liema dokumenti ma kienux jinkludi l-informazzjoni mitluba kollha), minn Dr Frank Psaila (bagħat id-dokumenti kollha mitluba), filwaqt li Ellul Advocates (ma bagħatx l-informazzjoni mitluba).

Bħalissa ir-rapport ta' evalwazzjoni qed jiġi ippreparat, iżda il-bord qed jirrakkomanda li t-tender tingħata lil Dr Frank Psaila, bħala l-orħos offerta u bid-dokumenti kollha mitluba għal prezz ta' €4135.65 fis-sena.

Il-kuntratt se jkun qed jiġi iffirmat għal sena li jista' jiġġedded għal 4 snin.

Il-Kunsill iddeċieda li se jieħu deċiżjoni meta jasal ir-rapport tal-evalwazzjoni.

**03.7 Ħwejjeġ Oħra**

**03.7.1 Il-Kunsillier Daniel Ablett** nforma lill-membri li qed jiġbor kwotazzjonijiet għal fitness classes ġo pool. Dan qed isir mal-Kunsillier Doris Zammit bħala il-Kunsillier responsabbli mill-anzjani.

**03.7.2 Il-Kunsillier Doris Zammit** nformat lill-membri li qed tippjana attivitajiet u ħarġiet għal-anzjani għax-xhur tax-xitwa.

**03.7.3** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** nformat li il-kunsill irid iwieġeb għal-management letter tal-awdituri.

**03.7.4** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** nformat li il-kunsill għandu ikollu il-fixed assets register updated.

**03.7.5** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** staqsiet dwar il-fondi tal-GAL Xlokk.

Saret diskussjoni bejn il-membri dwar il-pagamenti li saru lill-kuntrattur Salvatore Cassarino fuq il-proġett tal-ġnien ta' Triq is-Sajf.

Il-Membri tal-Kunsill talbu sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tiġbor l-ammonti li ngħataw mill-GAL Xlokk lill-Kunsill, issir rikonciljazzjoni bejn iċ-ċertifikati tal-Perit u l-ammonti imħallsa lil Kuntrattur u isir rapport dwar dan.

**03.7.6** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** staqsiet dwar xi ammonti li il-Kunsill għandu jihdru pendenti fil-management letter. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tatha rendikont ta' ħafna mill-pagamenti u għaliex jinsabu pendenti.

**03.7.7** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet il-bokki tad-drenaġġ li hemm il-wied taħt ir-razzett l-antik.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** semma li hu iltaqa ma persuni inkarigati mill-Water Service Corporation fejn wegħduh li se jissewwew.

**Is-Sindku Josef Masini Vento** talab lil Kunsilliera Elke Cassar Sghendo sabiex terga tikkomunika mal-Water Service Corporation u tfakkarhom dwar it-tiswija ta' tali bokki.

**03.7.8** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet kif flimkien mal-Kunsillier Daniel Ablett marret fi Triq id-Dukkara minħabba li kellhom talbiet sabiex isir parkeġġ organizzat.

Il-Kunsill iddeċieda li minħabba li tali triq saret temporanja bil-konkos, tali sinjali ma jistgħux isiru.

03.7.9 **Il-Kunsillier Daniel Ablett** talab sabiex ir-road humps li saru fi Triq il-Wied fejn il-Kalkara tal-Ġir jinqalgħu.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** semmiet li tali road humps swew lil Kunsill Lokali madwar ħamest elef euro.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li hu tal-opinjoni li ġaladarba dawn saru biex vetturi inaqqsu il-veloċità għandhom jibqgħu hemm sabiex iservu tali.

03.7.10 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li fi Triq id-Deheb fin hemm open space li hemm bżonn li isir bank fih.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab lil Kunsillier Elke Cassar Sghendo sabiex tibgħat ritratt tal-lokazzjoni fejn qed titlob li isir tali bank.

03.7.11 **Il-Kunsillier Doris Zammit** talbet sabiex isiru hashed lines quddiem il-blokkijiet tal-flats 1, 2 u 3 fi Vjal De La Cruz.

03.7.12 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet it-traffic management propost li se jsir fi Triq Dun Rene Cilia. Hija semmiet li Triq l-Għargħar trid tigi one way bil-kontra sabiex il-vetturi imorru għac-central link.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-Kunsillier Cassar Sghendo li dak it-traffic managment kien approvat mill-Kunsill preċedenti.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** ġibdet l-attenzjoni li it-triq li tagħti għal Triq il-Milied hija Sqaq Għadira mhux Triq l-Għargħar. Infurmat lil Kunsillier Cassar Sghendo li flimkien mal-Perit tal-Kunsill ħadmu fuq it-traffic management ta' dik l-area u l-aċċess għac-central link se jkun tali minn Triq il-Mitħna u kull vettura ġejja min naħa ta' fuq ta' Hal Qormi se tgħaddi mill-Wied fejn Klabb tal-Boċċi u toħroġ għal Triq il-Mitħna. B'hekk min Triq Dun Rene Cilia għal Triq il-Mitħna se joħorġu vetturi biss tar-residenti tal-akwata magħrufa bħala Tal-Blat 1 u tar-residenti ta' Triq Dun Rene Cilia.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** infurmat lil membri li ir-residenti ta' dik l-akwata mhux se jiġu affetwati u il-kunsill qatt ma ried li jiġu affettwati b'mod ħażin. Anzi fis-sagħtejn li il-vetturi mhux se jitilgħu minn Triq il-Blata u jidħlu għal Triq Dun Rene Cilia, ir-residenti se jkollhom aċċess liberu li joħorġu minn kull ħruġ b'mod liberu u jidħlu lejn l-akwata tagħhom minn Triq il-Mitħna jew minn Triq il-Milied.

**03.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fl-10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu 2024, fis-6.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum, ***29 ta' Awwissu 2024***.

Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

Marilyn Baldacchino Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv